MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 221/2006

Godwin Mifsud in rapprezentanza tas-socjeta’ Margod Investments Limited
vs
Maria Victoria Mintoff, Angolina Francica, Georgina Fenech, Patricia Vella, Maria Frendo

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent nomine li bih espona:

1. Illi fis-16 ta’ Frar 2006, il-partijiet ikkonkludew bejniethom att ta’ konvenju redatt min-Nutar Dottor Andre` Farrugia, relattivament ghall-bejgh propost da parti tal-konvenuti lill-atturi tal-proprjeta` bin-numru ufficjali sebghin (70), bil-garaxx u gnien annessi maghha fi Triq Victor Vassallo, gewwa H’Attard bil-pattijiet dettaljati fl-imsemmi konvenju versu l-prezz pattwit ta’ mija u tlieta u disghin elf Lira Maltija (Lm193,000.00), kopja ta’ liema ftehim giet annessa mar-rikors, esebita u mmarkata bhala

Dok A liema konvenju kien gie debitament registrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni bin-numru BS200501434 liema konvenju kien ukoll transuntat u insinwat in forza tal-att datat 16 ta’ Frar 2005 bhala INS 6106/2005.

2. Illi l-imsemmi att ta’ konvenju gie mgedded, sakemm skada fit-28 ta’ Frar 2006.

3. Illi l-konvenuti, minkejja li gew interpellati sabiex jersqu u jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att finali notarili, anke permezz ta’ ittra gudizzjarja li giet ipprezentata fit-23 ta’ Frar 2006 u debitament notifikata lilhom (esebita u mmarkata bhala Dok B) naqsu milli jaghmlu dan.

4. Illi ma tissussisti ebda raguni valida fil-Ligi ghaliex l-intimati ma kellhomx jaddivjenu ghall-kuntratt fuq imsemmi.

5. Illi oltre dan, l-agir tal-intimati bir-rifjut taghhom illi jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt u kif ukoll l-agir taghhom kollu fil-kors ta’ dawn it-trattattivi, diga kkawza u qieghed ikompli jikkawza danni lill-attur, li fil-konfront taghhom irriserva d-drittijiet tieghu kollha skond il-Ligi fi proceduri li jigu talvolta presentati.

Ir-rikorrent nomine talab lill-Qorti:

1. Tikkundannahom sabiex jidhru u jaddivjenu fuq il-pubblikazzjoni ta’ l-att notarili relattiv ghall-bejgh tal-proprjeta` bin-numru ufficjali sebghin (70), bil-garaxx u gnien anness maghha fi Triq Victor Vassallo, gewwa H’Attard bil-pattijiet dettaljati fl-imsemmi konvenju tas-16 ta’ Frar 2005 li ghandu jigi ppublikat fid-data u lok u hin li tiffissa dina l-Qorti ghal dan l-iskop minn Nutar pubblika minna nnominat.

2. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri gudizzjarji, kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimati li biha esponew:

1. Illi l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti hija impronibbli u legalment insostenibbli peress illi l-konvenju ffirmat mill-kontendenti fis-16 ta' Frar 2005 dwar il-fond 70, Triq Victor Vassallo, Attard huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi peress illi l-estensjoni ta' dan il-konvenju li giet iffirmata mill-partijiet datata 17 ta' Jannar 2006, li konvejentement ma gietx esebita mir-rikorrent nomine u giet annessa u mmarkata Dokument MM1, ma gietx notifikata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fi zmien hmistax-il jum minn meta saret, kif rikjest tassattivament fir-regolament 10 (6) tal-Avviz Legali 98 tas-sena 1993, kif sussegwentement emendat.

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-presmess, wara li sar il-konvenju relattiv u gew ordnati r-ricerki, irrizulta li l-fond in kwistjoni kien gie gravat b'ipoteka specjali minn George Mintoff, ir-ragel ta' Maria Victoria Mintoff u missier ir-rikorrenti l-ohra, u dan a***d insaputa*** tal-intimati u ghalhekk ma hux possibbli li l-fond jinbiegh skond il-patwitt fil-konvenju [Dok MVM].

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti presentati mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed Dione Sacco fejn qal illi hu jidher bhala rapprezentant tal-Kumissarju tat-Taxxi Interni u li jahdem

fid-dipartiment u ghandu l-kariga ta' principal. Qal li fil-fatt il-konvenju tas-16 ta' Frar 2005 bejn Margod Investements Limited u Maria Victoria Mintoff u ohrajn huwa registrat maghhom bin-numru 1434 ta' l-2005 fit-2 ta' Marzu 2005 u kien jiskadi fil-31 ta' Dicembru tal-2005. Qal li fil-procedura taghhom kollox jidhol fil-***file***, u mill-***file*** taghhom ma' tirrizulta registrata ebda estensjoni ta' dan il-konvenju. Mil-file u anka mid-data base ma tirrizulta ebda registrazzjoni ta'ebda komunikazzjoni interjuri maghhom. Din il-procedura taghhom fid-dipartiment iqisuhom dawn il-konvenji bhala skaduti. Din il-procedura taghhom hija illi jekk ma sirx talba ghar-***refund*** ma jaghmlu xejn aktar fuqha naturalment jekk issir it-talba ghar-refund dan jigi processat.

Rat l-affidavit ta' <u>l-Avukat Robert Abela</u> fejn issemma li lejn l-ahhar tas-sena 2005, kienet kellmitu fl-ufficju legali l-intimata Maria Victoria Mintoff. Hi kienet gharrfithom li hi u wliedha kienu ffirmaw konvenju mas-socjeta` rikorrenti f'din il-kawza, fejn intrabtu li jbieghu l-proprjeta` taghhom numru 70, Triq Victor Vassallo, Attard a favur tal-istess socjeta` rikorrenti. Il-konvenju li kienet uriethom kien gie ffirmat fis-16 ta' Frar 2005. Id-diffikulta` li kellha kienet illi wara li gie ffirmat il-konvenju u tlestew ir-ricerki min-Nutar, irrizulta li dan il-fond kien gravat b'ipoteka specjali fis-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000), li kienet giet kostitwita mid-defunt George Mintoff (li jigi r-ragel ta' l-intimata Maria Victoria Mintoff u missier l-intimati l-ohra) a favur ta' John Grech. Din l-ipoteka kienet giet kostitwita ***ad insaputa*** tal-intimati kollha, u kienet marbuta ma' obbligazzjoni assunta mid-debitur George Mintoff b'kuntratt tas-7 ta' Lulju 1988 li ma jnehhix jew ma jcaqqlaqx xi xogholijiet li Mintoff kien ghamel fil-fond tieghu [70, Triq Victor Vassallo, Attard], permezz ta' liema kuntratt George Mintoff u John Grech kienu anke ttransigew kawza ta' bejniethom. Il-problema kien wiehed kumpless fis-sens illi 'l fuq imsemmi John Grech beda jirrifjuta li jersaq ghall-kancellament tal-ipoteka, minkejja li gie interpellat biex jaghmel dan versu l-hlas lilu ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000). Ir-rikorrent nomine Godwin Mifsud beda jinsisti li din l-ipoteka titnehha qabel jixtri l-fond tal-klijenti tieghu. Kienu bdew negozjati bejnu u Dr Matthew

Brincat bhala avukat tas-socjeta’ rikorrenti biex jippruvaw jsolvu din il-pendenza. Billi l-konvenju kien ser jiskadi fil-31 ta’ Dicembru 2005 is-socjeta` rikorrenti kienet ipprezentat ittra ufficjali kontra l-intimati fit-23 ta’ Dicembru 2006 il-konvenju jien gie estiz sal-ahhar ta’ Jannar 2006, u fis-17 ta’ Jannar 2006 il-partijiet regghu estendew il-konvenju ta’ bejniethom sat-28 ta’ Frar 2006. Hu ma kienx prezenti ghal ebda wahda minn dawn iz-zewg estensjonijiet. In-negozjati komplew bejnu, Dr Matthew Brincat bhala avukat tas-socjeta` rikorrenti, u Dr Aron Mifsud Bonnici ghal John Grech kien insistenti li ma jikkancellax l-ipoteka, imbaghad sussegwentement talab li jithallas is-somma konsiderevoli ta’ ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) biex jersaq ghall-kancellament tal-ipoteka. Billi l-klijenti tieghu ma kienux lesti jaslu fuq din il-proposta, Godwin Mifsud kien ippropona li hu jhallas ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000), filwaqt li l-ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) ‘l ohra jithallsu mill-klijenti tighu billi jitnaqqsu mill-prezz tal-bejgh. Il-klijenti tieghu xorta ma kienux disposti li jnaqqsu ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) mill-prezz tal-bejgh. Semma li xi erba’ gimghat wara li gie ffirmat it-tigdid tas-17 ta’ Jannar 2006, Mrs Maria Victoria Mintoff, li hi mara anzjana, kienet kellmitu u kienet qaltlu li riedet tohrog mill-konvenju. Hu staqsieha ghala riedet tohrog mill-konvenju, meta ftit qabel kienu ghadhom kemm iffirmaw it-tigdid, pero’ hi kienet insistenti li riedet tohrog mill-konvenju billi ma kienetx lesta li tnaqqas mill-prezz tal-bejgh. Hu kien spjegalha li l-konvenju kien redatt b’mod tajjeb u ma kienx hemm min fejn wiehed seta’ johrog minnu fl-opinjoni tieghu. Pero` hi insistiet mieghu li jaghmel dak kollu possibbli biex jara jsibx triq biex huma johorgu mill-konvenju, u kienet ser thalli f’idejh biex jara x’seta jsir. Xi granet wara li kienet kellmitu Mrs Mintoff hu kien rega` ezamina l-konvenju dettaljament izda xorta rega’ dehrlu li ma kienx hemm fejn wiehed seta’ jinhall minnu. Imbaghad jiftakar li kien mar jaghmel verifika l-Monte di Pieta’ ghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni (Merchants Street) biex jara jekk il-konvenju kienx gie debitament registat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni qabel ghalqu l-wiehed u ghoxrin (21) jum minn meta gie ffirmat, u rrizulta fl-affermattiv. Wara li mar ghall-ewwel darba kien qara il-

ligi relattiva ghar-registrazzjoni tal-konvenji u kien sab illi r-regolament 10 (6) tal-Avviz Legali 98 tas-sena 1993 jitlob illi t-tigdid ta' kull konvenju jrid jigi notifikat fi zmien hmistax il-gurnata minn meta jigi ffirmat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Hu ghalhekk kien rega mar il-Monte di Pieta' ghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghat-tieni darba biex jivverifika jekk it-tigdid giex notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, izda rrizulta li la t-tigdid tad-29 ta' Dicembru u lanqas dak tas-17 ta' Jannar ma kienu gew registrati. Din il-verifika kien ghamilha fit-2 ta' Marzu 2006, u jiftakar id-data billi dakinhar stess kien kiteb ittra lil Dr Matthew Brincat fejn infurmah li dan il-konvenju kien null billi l-estensjoni tieghu ma gietx notifikata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Din l-ittra kien baghtha wkoll permezz ta' ***e-mail attachment*** lil Dr. Brincat dakinhar stess filghaxija. Fit-3 ta' Marzu 2006 kien prezenta ittra ufficjali ghan-nom tal-klijenti tieghu kontra is-socjeta` rikorrenti li kien fiha l-istess kontenut tal-ittra legali tat-2 ta' Marzu 2006. Sussegwentement kienu komplew bin-negozjati pero` ma waslu mkien u nbdiet din il-kawza. Ikkonkluda billi kkonferma li hadd mill-intimati qatt ma qallu li t-tigdid ta' dan il-konvenju ma kienx gie registrat, jew li huma kienu qed jzommu t-tigdid tal-konvenju f'idejhom biex ma jigix registrat. Difatti kkonferma li l-klijenti tighu lanqas biss kienu jafu li t-tigdid kellu jigi registrat. Meta kien qal lil Mrs Mintoff wara l-verifika li kien ghamel li t-tigdid ma kienx registrat, hi kienet wegbitu li ma tifhimx f'dawn l-affarijiet, u qaltlu biss biex ikompli jghinha mill-ahjar li seta'.

Rat l-affidavit ta' <u>Maria Victoria Mifsud</u> fejn ikkonfermat li fis-16 ta' Frar 2005 hi u ulieda li jigu ghalhekk ulied il-mibki zewgha George Mintoff kien ffirmaw konvenju dwar il-bejgh tad-dar 70, Zernieq, Triq Victor Vassallo, Attard ma' Margod Investments Limited. Dan il-konvenju kien gie ffirmat id-dar taghha stess u kien mar in-Nutar li kien imqabbad minn Godwin Mifsud ta' Margod Investments. Wara li n-Nutar kien ghamel ir-ricwerki, kien qalilhom li kien hemm problema imma hi qatt ma kienet involuta f'dawn l-affarijiet u ma tifhimx. Kienet qalet lin-Nutar biex jara x'seta jirranga u hu kien spjegalha li kien hemm ipoteka fuq il-proprjeta' ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000), u

din bhala garanzija biex ma jiccaqalqux xi xogholijiet li kienu saru fil-proprjeta’ taghha u zewgha. Godwin Mifsud ma hallasx id-depozitu li kellu jhallashom dwar il-konvenju ta’ ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) u fil-fatt dan ghadu lanqas biss hallsu sal-lum. La hi u lanqas uliedha ma kienu jafu bl-ezistenza ta’ din l-ipoteka qabel iffirmaw l-konvenju u li taf biss hu li zewgha kellu l-Qorti mal-gar taghhom snin twal qabel, u li eventwalment din il-kawza kienet waqfet ghax intlahaq ftehim. Wara li saru r-ricerki gie skopert li zewgha kien ghamel ipoteka fuq id-dar taghhom ta’ Lm2,000, u kopja ta’ din l-ipoteka diga giet pprezentata minnha f’din il-kawza. Godwin Mifsud kien qalilha wkoll li kellha tiehu hsieb biex tnehhi l-ipoteka ghax ma setax jixtri l-post b’din l-ipoteka. Ghalhekk ftit gimghat qabel ma skada l-konvenju kienet kellmet lill-Avukati George u Robert Abela u talbet l-assistenza taghhaom dwar din il-problema. Huma kienu bdew jahdmu dwar il-kaz mal-avukat ta’ Godwin Mifsud u mal-avukat tal-gar taghhom John Grech. Billi l-konvenju kien ser jaghlaq fl-ahhar tas-sena 2005, lejn l-ahhar ta’ Dicembru 2005 hi u r-ragel tat-tifla taghha li jismu John Francica kienu marru fl-ufficju ta’ Dr Matthew Brincat flimkien mal-avukat taghhom Dr Robert Abela, u kien hemm prezenti wkoll Godwin Mifsud. Kien intlahaq qbil bejniethom illi l-konvenju jiggedded, u fil-fatt Godwin Mifsud kien baghtilha d-dokumenti tat-tigdid li gie ffirmat minnha u minn uliedha l-ohra, u kienet hi li tat lura dan id-dokument iffirmat lil Godwin Mifsud. Wara li gedded ghall-ewwel darba il-konvenju kien rega ggedded ghat-tieni darba xi zmien wara. Din it-tieni darba kien Godwin Mifsud ukoll li ha hsieb jibghat id-dokumenti tat-tigdid, u kien Godwin Mifsud stess li gabar minghandha d-dokument iffirmat minnha u minn uliedha. Tiftakar ukoll li kienu komplew in-negozjati bejn l-avukat taghha, ta’ Godwin Mifsud u tal-gar taghha John Grech biex titnehha l-ipoteka. John Grech kien talab li jithallas is-somma ta’ ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) biex inehhi l-ipoteka. Godwin Mifsud kien ippropona li hu jhallas ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) fil-waqt li hi tnaqqas ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) mill-prezz tal-bejgh. Hi ma riditx tnaqqas mill-prezz u kienet qalet lil Avukat Robert Abela jara x’jaghmel biex jinhallu mill-konvenju. Hu kien qalilha li kien difficli biex

jinhallu mill-konvenju u kienet qaltlu li hi xorta riedet tinhall, u li kienet ser thalli f'idejh biex jaghmel l-ahhar li jista biex jinhallu mill-konvenju. Ikkonfermat li wara xi zmien li kienet kellmitu, l-avukat Robert Abela kien iffurmaha li t-tigdid tal-konvenju ma kienx registrat.

Rat l-affidavit ta' Georgina Fenech fejn ikkonfermat li fis-16 ta' Frar 2005 hi, hutha u ommha kienu ffirmaw konvenju dwar il-bejgh tad-dar 70, Zernieq, Triq Victor Vassallo, Attard ma' Margod Investments Limited. Wara li n-Nutar kien ghamel ir-ricerki, kien qalilhom li kien hemm ipoteka fuq il-proprjeta' ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000), u din bhala garanzija biex ma jiccaqalqux xi xogholijiet li kienu saru fil-proprjeta` taghhom. Godwin Mifsud ma hallasx id-depozitu li kellu jhallashom dwar il-konvenju ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) u fil-fatt dan ghadu anqas biss hallsu sal-lum. Godwin Mifsud ried li titnehha din l-ipoteka ghax ma riedx jixtri l-post b'din l-ipoteka.

Rat l-affidavit ta' Patricia Vella fejn ikkonfermat li fis-16 ta' Frar 2005 hi, hutha u ommha kienu ffirmaw konvenju dwar il-bejgh tad-dar 70, Zernieq, Triq Victor Vassallo, Attard ma' Margod Investments Limited. Wara li n-Nutar kien ghamel ir-ricerki, kien qalilhom li kien hemm problema u hu kien spjegalhom li kien hemm ipoteka fuq il-proprjeta' ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000), u din bhala garanzija biex ma jiccaqalqux xi xogholijiet li kienu saru fil-proprjeta` taghhom. Godwin Mifsud ma hallasx id-depozitu li kellu jhallashom dwar il-konvenju ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) u fil-fatt dan ghadu lanqas biss hallsu sal-lum.

Rat l-affidavit ta' Maria Frendo fejn ikkonfermat li fis-16 ta' Frar 2005 hi, hutha u ommha kienu ffirmaw konvenju dwar il-bejgh tad-dar 70, Zernieq, Triq Victor Vassallo, Attard ma' Margod Investments Limited.

Rat l-affidavit ta' Angolina Francica fejn ikkonfermat li fis-16 ta' Frar 2005 hi, hutha u ommha kienu ffirmaw konvenju dwar il-bejgh tad-dar 70, Zernieq, Triq Victor Vassallo, Attard ma' Margod Investments Limited.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi f'din il-kawza, l-atturi pprocedew kontra l-konvenuti minhabba att ta' konvenju li kien gie konkjuz bejniethom rigwardanti proprjeta` bin-numru ufficjali sebghin (70), bil-garaxx u gnien annessi maghha fi Triq Victor Vassallo, gewwa H'Attard. Dan il-konvenju kien gie debitament irregistrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Izda, peress li l-konvenuti minkejja li gew interpellati ma resqux ghall-pubblikazzjoni tal-att finali notarili. Ghalhekk, l-att ta' konvenju gie mgedded darbtejn sakemm skada fit-28 ta'Frar 2006, peress li l-konvenuti baqghu ma ddivjenux ghall-kuntratt finali, l-atturi pprocedew bil-kawza odjerna.

Illi l-konvenuti eccepew preliminarjament li t-talba tas-socjeta` rikorrenti hija improponibbli u legalment insostenibbli peress li l-konvenju ffirmat fis-16 ta' Frar 2005 huwa null, peress li l-estensjoni ta' dan il-konvenju, iffirmata mill-partijiet fis-17 ta' Jannar 2006, ma gietx notifikata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fi zmien hmistax il-jum minn meta saret, kif rikjest fir-regolament 10(6) tal-Avviz Legali 98 tas-sena 1993. Illi din is-sentenza ser tinghata biss fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Illi l-Artikolu 3 subartikolu (6) tal-Kap 364 jiddisponi:
"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, konvenji jew bejgh ta' trasferiment ta' kull proprjeta` immobbli jew ta' kull dritt reali fuqha, ma jkunx validu jekk avviz tieghu ma jkunx inghata lill-Kummissarju fi zmien u b'dak il-mod, u li jkun fih dawk il-partikolaritajiet li jistghu jigu stabbiliti."

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-Avviz Legali 7 tal-2004, Artikolu 3, regolament 10, subartikolu 6 ighid hekk:
"Estensjoni tal-perjodu ta' validita` ta' konvenju ta' bejgh jew ta' trasferiment ta' proprjeta` immobbli jew ta' dritt reali fuqu ghandha tkun notifikata li l-Kummissarju fi zmien sebat ijiem mid-data taghha bl-istess mod skond ma hemm provdut fil-paragrafu (2)."

Imbaghad sussegwentement bl-Avviz Legali 112 tal-2004, gie emendat li wara l-paragrafu 2 regola 10 inghad:

(3) “Minflok il-kliem fi zmien sebat ijiem mid-data taghha bl-istess mod skond ma hemm provdut fil-paragrafu 2 tal-paragrafu (6) tar-regola 10 tar-regoli principali ghandhom jidhlu l-kliem “fi zmien hmistax il-jum mid-data taghha bil-miktub flimkien ma’ indikazzjoni tan-numru tan-notifika tal-konvenju ta’ bejgh u ffirmata mill-partijiet fil-ftehim jew minn xi rapprezentant awtorizzat.”

Ghalhekk, fil-kaz ***de quo*****,** ghalkemm il-konvenju originali kien debitament notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fir-rigward tal-estensjonijiet sussegwenti tal-istess konvenju, dawn ma gewx notifikati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Dan fil-fatt, gie kkonfermat mix-xhud Dione Sacco li qal:
“…..mill-file taghna ma tirrizulta registrata ebda estensjoni ta’ dan il-konvenju. Mill-file u anke mid-database ma tirrizulta ebda estensjoni ta’ dan il-konvenju………Din il-procedura taghna fid-Dipartiment inqisuhom dawn il-konvenji bhala skaduti.” (a fol 28).

Fl-affidavit tieghu, Dr. Robert Abela semma li billi l-konvenju originali kien ser jiskadi fil-31 ta’ Dicembru 2005, dan il-konvenju kien gie estiz l-ewwel fid-29 ta’ Dicembru 2007, u fis-17 ta’ Jannar 2006 hekk kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol 60. Hu ghalhekk ikkonferma li mar id-Dipartiment tat-Taxxi Interni [il-Monte di Pieta`], biex jivverifika jekk it-tigdid ta’ dan il-konvenju kienx gie notifikat lill-Kumiisarju tat-Taxxi Interni, izda rrizulta li l-ebda tigdid ta’ konvenju li kien sar ma kien gie registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni (a fol 32).

Ghalhekk, dawn l-estensjonijiet tal-konvenju jistghu biss jitqiesu bhala skaduti, u l-konvenju in kwistjoni jitqies li huwa null skond il-ligi.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghaldaqstant, tilqa’ l-ewwel eccezzjoni.

Spejjez kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------